

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Frar 2015 – H vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-221/14 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Reġim pekunjarju tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-unjoni Ewropea — Ex-membri tat-Tribunal għas-servizz pubbliku — Talba għal affiljazzjoni fi skema komuni ta' assigurazzjoni għal mard (RCAM) — Deċiżjoni — Rifjut — Rimedji ġudizzjarji — Tardività — Inammissibbiltà)*

(2015/C 138/30)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: H (rappreżentant: S. Sagias, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A.V. Placco, aġent)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) H huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 235, 21.07.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Frar 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu**

(Kawża C-238/14) <sup>(1)</sup>

*(“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Politika soċjali — Direttiva 1999/70/KE — Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP — Ħaddiema intermittenti tal-ispettaklu — Kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat suċċessivi — Klawżola 5(1) — Miżuri intiżi sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv ta’ kuntratti għal żmien determinat suċċessivi — Kunċett ta’ ‘raġunijiet oġġettivi’ li jiġġustifikaw tali kuntratti”)*

(2015/C 138/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Enegren u D. Martin aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: D. Holderer, aġent)

**Dispożittiv**

- 1) Billi żamm fis-seħħ derogi għall-miżuri intiżi li jipprevjenu użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi konklużi mal-ħaddiema intermittenti tal-ispettaklu, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 235, 21.07.2014.